MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 383/2004

**Avviz numru 383/04 DM**

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**Vs**

**Noel Theuma  ID Nru 118476M**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef,  sitta u disghin liri Maltin  (Lm4, 096), import ta' kambjali minnhu iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali gew annessi mall-avviz u mmarkati Dok 1 sa 32, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie interpellat sabiex jhallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta ta-19 ta’ Novembru tas-sena 2004 fejn il-konvenut deher fl-awla u prezenjalment ammetta t-talba attrici.

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta attrici permezz ta’ liema esibit fl-atti tal-kawza l-kambjalijiet originali.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qedgha tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna l-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ erbat elef, u sitta u disghin liri Maltin (Lm4,096), ghar-ragunijiet indikat fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond kif mitluba fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut..

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------